

## Sintomi

- Sogħla
- Deni
- Għatis
- Imnieħer iqattar
- Tħarħir

## Prevenzjoni:



### Vaċċinazzjoni/ immunizzazzjoni

- Aħsel idejk ta' spiss
- Għatti mnieħrek u ħalqek meta tagħtas
- Evita l-kuntatt ma' individwi morda
- Ibqa' d-dar jekk tkun marid

**Tistenniex! Kellem lit-tabib tiegħek għal parir dwar it-tilqim.**




Skennja l-kodiċi QR biex issir taf aktar **fil-Portal Ewropew ta' Informazzjoni dwar it-Tilqim**

vaccination-info.europa.eu/en

# Ipproteġi lilek innifsek u lill-maħbubin tiegħek mill-RSV



PORTAL EWROPEW TA' INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea



# L-RSV (il-virus respiratorju sinċizjali)

huwa virus kontaġġjuż ħafna.
Dan jinfirex faċilment mill-arja u jista' jikkawża kumplikazzjonijiet severi bħal pulmonite, bronkijolite, u sepsis (infezzjoni fid-demm li tista' tikkawża varjetà ta' sintomi inkluż tnaqqis fil-pressjoni).

## Min hu l-aktar f'riskju?

- Tfal taħt is-6 xhur
- Tfal li twieldu qabel iż-żmien
- Persuni li għandhom aktar minn 65 sena u dawk b'sistemi immunitarji dgħajfa jew kundizzjonijiet eżistenti minn qabel bħad-dijabete, il-mard tal-qalb, u l-mard tal-pulmun







## Għaliex tlaqqam?

It-tilqim jista' jipproteġi lilek innifsek u lill-oħrajn minn mard sever tal-RSV u l-kumplikazzjonijiet tiegħu.

**In-nisa tqal jistgħu jitlaqqmu u jgħaddu dik il-protezzjoni lit-trabi tat-twelid tagħhom – b'hekk jipproteġuhom fi żmien kritiku.**

